**Kunsill Lokali –L-ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 19

**28 t' Ottubru 2025**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tlieta 25 ta' Settembru 2025 fl-4:30 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joeline Attard - | Kunsillier |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Mario Gauci - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 19 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **19.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm |
| **19.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 19.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 18, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsillier is-Sur Mario Gauci u ġew issekondti mill-kunsillier s-Sur Malcolm Gatt wara li kien hemm korrezzjoni f'punt 18.04.02 fejn Triq il-Mina tax-Xatt riedet tiġi Triq il-Maċina. |
| **18.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 19.03.01 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera li ġew mibdula numri ta' bibien fi Triq Sant Anna fejn ġew ippublikati fuq il-Gazzetta ta' Malta 21,515 No. 1565. Kopja annessa ma dawn il-minuti. |
| 19.03.02 | Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-attivita minn Pjazza għall-Pjazza ser issir is-Sibt 1 ta' Novembru 2025 fuq il-forti San Mikiel u fi Triq il-Ħabs l-Antik mis-7.00pm sal-11.00 pm quddiem l-iskola Primarja. Sar avviż fuq il-Gazzetta ta' Malta sabiex ma jkunx hemm ipparkjar fi Triq il-Ħabs l-Antik minn filgħodu sabiex jibda' jitħejja l-għarmar. |
| 19.03.03 | Is-Sindku informa li daħħal ilment fi Triq Sant Anġlu li jkun hemm il-karozzi ipparkjati fin-nofs tat-Triq u ambulnaza ma tkunx tista tgħaddi għaliex fi żmien il-festa kien hemm każ ta Fire engine u ma setgħux jgħaddu minħabba li l-karozzi jipparkjaw fil-kantuniera. Is-sindku issuġġeriexa li l-kunsill jagħmel talba lil Transport Malta sabiex issiru double yellow lines minn Triq Sant Anġlu k/m Triq is-Sur. Il-Kunsilliera qablu unanimament. Hemm Każ ieħor fi Triq San Filippu sabiex issir U bar. Il-Viċi Sindku ressaq ilment ukoll li qed ikun hemm ilmenti minħabba li fi Triq Sant Anġlu k/m Triq iż-Żewġ Mini għaliex hemm kaxxa ta' unloading għall 15 min sabiex in-nies ikunu jistgħu iħottu ix-xirja, hemm talba ukoll sabiex terssaq lura l-ispazju ta' parkeġġ tad-diżabilta' u quddiem jidħlu żewġ spazji ta' parkeġġi tal-muturi |
| 19.03.04 | Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-kunsill irċieva imejl dwar trakk għall *Mobile Health Unit Cancer Research* sabiex jiġi fil-Venda tal-Isla sabiex in-nies jinfurmaw ruħhom fuq kanċer. |

| | |
|---|---|
| 19.03.05 | Is-sindku informa lil kunsilliera li saru id-*double yellow lines* fi Triq il-Miġja tal-Papa skond ir-regolamenti tat-Transport Malta. |
| 19.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera attenda għal-laqgħa tar-Reġjun Port Nu 52/2025 tar-Raba' amministrazzjoni fit-22 ta' Settembru 2025 u bagħat il-kopji tal-Minuti lil kunsilliera kollha permezz ta' imejl. |
| 19.03.07 | Is-sindku informa lil kunsilliera dawn l-attivitajiet :<br><br>**31 t' Ottubru 2025** ser issir attività tal-Halloween fi Pjazza 4 ta' Settembru mis-6.00pm sasd-9.00pm. Il-Pjazza ser tingħalaq mill-Puluzija tal-komunita.<br><br>**06 ta' Diċembru 2025** – Mixgħela tas-Siġra tal-Milied u dwal tat-toroq fis-6.00pm<br><br>**18 ta' Diċembru 2025** Ġurnata għall-familja kollha fin-Nigret Night Club fid-8:45am<br><br>**20 ta' Diċembru 2025** Festin għall-anzjani fis-sede fil-5.00pm<br><br>**21 ta' Diċembru 2025** – Festin għat-tfal fis-sala Forti San Mikiel fl-10:00am |
| 19.03.08 | Is-Sindku ressaq il-kommunikazzjoni mal-Project Green sabiex jinżabru is-siġar ta' Triq is-Sur. Il-Kunsill qed jistenna risposta meta għandhom jiġu biex jiżbru dawn is-siġar jekk le il-kunsill ikollu jiġbor tlett kwotazzjonijiet u jqabbad kuntrattur. |
| 19.03.09 | Is-Sindku ressaq ċirkulari Cir AKL 2025/50 – flimkien ma' mistieden/mistiedna tagħkom mingħajr ħlas għal *Get Together Gala Night* li ser jiġi organizzat nhar il-**Ġimgħa, 19 ta' Diċembru 2025** mit-20:00pm 'il quddiem ġewwa l-Limestone Heritage, Siġġiewi Malta min hu interessat li jattendi jagħafas il-link ta' fuq il-poster u jirreġistra. |
| 19.03.10 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera dwar il-proġett b'kollaborazzjoni mal-iskola primarja u l-paroċċa u Heritage Malta dwar mużew żgħir ġewwa l-iskola bi stampi tal-istorja tal-Isla. Is-Sur Harber talab il-kunsill mappa li kien ippublika l-kunsill żmien ilu. Is-sa. Joeline Attard ħabret li waqt il-laqgħa li kellha mal-kap tal-iskola dwar dan il-proġett *Walk through Museum* tkellmet wkoll dwar il-proġett li sar tal-Code Week li sar fis 17 t' Ottubru u li għal darb oħra kien ta' suċċess fejn l-istudenti flimkien mal-adulti raw kif jaħdem Robot forma ta' kelb. |
| 19.03.11 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera dwar laqgħa li kellu mas-Sa. Veronica Mercieca u Joe Galea f'isem ir-reġjun Port fl-20 t' Ottubru dwar is-sena tal-kultura li applika għaliha r-Reġjun Port. Fil-11 ta' |

| | |
|---|---|
| | Jannar 2026 ser issir attività bħala ftuħ tas-sena kulturali tar-Reġjun Port bil-parteċipazzjoni ta' l-għaqdiet Sengleani fosthom il-Banda tal-Każin La Vincitrice fejn ser joħorġu il-banda bi programm ta' siegħa. Din il-banda ser titħallas mir-Reġjun Port is-somma ta' elf ewro u l-kunsill joħroġ l-ispejjeż tal-Puluzija. Ir-Reġjujn Port ser jħallas il-ħlas tal-*Fliers*, bnadar fuq il-mina u plakka ta tifkira ta' l-attivita. |
| 19.03.12 | Is-sindku informa lil kunsilliera li ħarġu l-Fondi mill-Community Support Scheme fejn ser jitkellem magħna is-Sur Matthew Castillo biex niddiskutu fuq x'hiex nistgħu napplikaw. |
| 19.03.13 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li f'Boiler Wharf saru sinjali ta' parkeġġ għal residenti ' first come first serve' fejn hemm erbgħin parkeġġ li jista jintuża mis-6.00am sas-6.00pm. Ser ikun hemm tabelli ukoll li wara is-6.00am dawk il-karozzi li jibqgħu hemm jistgħu jiġu irmunkati. |
| 19.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-Ħamis 27 t' Ottubru ser issir laqgħa mal-kenniesa u mas-supervisor il-ġdid fit-8.00am fis-sala tal-kunsill. |
| 19.03.15 | Is-Sindku ikkomunika li kellu talba sabiex issir pilar għad-dagħjjes fejn il-letrina tal-ponta għalhekk is-sindku ser jiltaqa' mal-president tal-Għaqda Sajjieda u Barklori. |
| 19.03.16 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera li tkellem ma l-Engineer Stephen Galea tal-Infrasturcture Malta sabiex jara kif baqa' dwar il-proġett ta' Triq il-Ponta u dwar fejn wasal il-pjan tax-xogħol minn naħa tal-WSC. |
| 19.03.17 | Is-Sindku iddiskuta wkoll mal-kunsilliera dwar diskussjoni li għamel mas-Sur Stephen Buhagiar fuq Binja li hemm fi Triq il-Ponta k/m Pjazza Andrea Debono li hija ta' periklu u din taqa' taħt il-Housing Authority. |
| 19.03.18 | Is-sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv u l-perit tal-kunsill kellhom laqgħa dwar il-proġett li għandu issir mal-Public Works dwar il-bdil tal-pavimentar mad-dawra tal-funtana. Dan hemm bżonn li jidħol il-Health and Safety Officer sabiex issir Risk Assesment u meta jinbeda ix-xogħol il-Gardjola tkun magħluqa għal-pubbliku. Il-Kuntrattur tal-Public Works ġibed l-attenzjoni li trinek tad-dawl qegħdin fil-wiċċ u ma jafx x'ser issib għalhekk aktarx ikun hemm bżonn li jinbidlu u dan iffisser li jidħlu aktar spejjeż ta' electrician u plumbing. |
| 19.03.19 | Is-Sinkdu ressaq ftehim ta' patt datat 27 t' Ottubru 2025 ma Teresa Busutil l-artista tad-dagħjsafejn dan il-patt qed jgħid li din id-dagħjasa ġiet mgħotija lil kunsill b'donazzjoni u għandu l-obligu li jagħmel il-manutenzjoni tagħħha. Din id-dagħjasa inġabet mil-mużew marittimu għal esebizzjoni fil-pubbliku fl-Isla fejn ser titqiegħed quddiem il-bust ta' JB. Azopardo fix-xatt tal-Isla. Din ġiet restawrata fil-garaxx tal- |

| | |
|---|---|
| | kunsill mix-xahar ta' Ġunju sa x-xahar t' Ottubru 2025 u ser titniżel ix-xatt kif ikolna ftehim ma tal-lifter. |
| 19.03.20 | Is-sindku informa lil kunsilliera li l-fuljett dwar l-isem Senglea sabiex jerġa jiġi rikkonoxut mil-ġdid minflok L-Isla daqt ikun lest. Is-Sindku tkellem ukoll mal-ambaxxatur Malti għall-Franza sabiex ikollu komunikazzjoni mas-Sindku tal-Belt fejn kien twieled La Sengle.<br><br>Is-Sindku issuġġerixa li wara li jitlob kemm hemm fondi minn għand tal-Planning Funds tal-UIF jaraw jekk ikunx hemm biżżejjed fondi sabiex issir bust ta' La Sengle fuq il-Forti San Mikiel. |
| 19.03.21 | Is-Sindku iddiskuta li hemm bżonn issir 3 phase għall-grawnd tal-futbol għaliex meta jkun hemm attivita u jkun hemm użu ta' aktar dawl toqgħod tfaqqa' is-Salva Vita. Il-Kunsilliera qablu unanimament. |
| 19.03.22 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv iddiskutew mal-Perit Owen Baldacchino sabiex jibgħat l-ispecifications tal-kannoli tal-letrini tax-xatt sabiex inkunu nistgħu inmexxu bit-tender għal-dan ix-xogħol ta' manutenzjoni. |
| **19.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| | **Ma kienx Hemm** |
| **19.5** | **Rapporti** |
| 19.5.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ir-rapport tat-tielet kwart fejn il-Kunsill jideher li qiegħed b'surplus. Dan ir-rapport għat-tielet kwart tas-sena ġie approvat mil-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondat mil-kunsilliera Joeline Attard. |
| 19.5.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Settembru 2025 u l-*Petty Cash* ta' Settembru 2025 fejn ġew approvati mill-kunsillier Mario Gauci u s-sekondati mil-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia. |
| **19.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 19.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 10/2025 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill- kunsillier Mario Gauci u s-sekondati mil-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia. |

| | |
|---|---|
| **19.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 19.07.1 | Is-Seduta ntemmet fil-5:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 27 ta' Novembru 2025 fl-4:30p.m. Ġiet aġġornata wkoll id-data tal-laqgħa pubblika sabiex issir fis-16 ta' Diċembru 2025 u wara issir il-laqgħa tal-kunsill. |

Konfermati, illum 27 ta' Novembru 2025

Clive Pulis
Sindku

Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv